MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2006

Numru 3/2005

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Dr Patrick Vella LL.D.**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell interpost mill-akkuzat Dr Patrick Vella LL.D. minn sentenza preliminari moghtija mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' Lulju 2006 li permezz taghha kienet iddisponiet mill-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-akkuzat bil-mod segwenti:

**“Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi t-tlett eccezzjonijiet tal-akkuzat li ma gewx ceduti w cioe` l-ewwel, it-tielet u r-raba’ eccezzjoni, tordna n-notifika tal-akkuzat bl-att ta’ l-akkuza u n-nota tax-xhieda, tad-dokumenti u tal-oggetti ezibiti mill-Avukat Generali, kif korretta, w tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra kollha stante li gew irtirati w tiddifferixxi l-kawza *sine die* sabiex tinstema’ fuq il-mertu meta jmiss it-turn taghha, okkorrendo wara li jigi deciz kull appell minn din is-sentenza.”**

**2.** Ghall-ahjar intendiment tas-sentenza odjerna, tajjeb li wiehed jirrikapitola ftit x’gara mill-prezentata ta’ l-Att ta’ Akkuza sal-lum f’dawn il-proceduri. Fit-28 ta’ Jannar 2005, l-Avukat Generali pprezenta l-Att ta’ Akkuza numru 3/2005 fil-Qorti Kriminali li permezz taghha huwa akkuza lil Dr Patrick Vella LL.D. taht tliet kapi. Fl-ewwel kap l-imsemmi Vella jinsab akkuzat b’korruzzjoni bi ksur ta’ l-Artikolu 115(b)(c) tal-Kodici Kriminali. Fit-tieni kap huwa jinsab akkuzat bir-reat ta’ uzu ta’ influwenza mhux xierqa bi ksur tal-Artikoli 121A(2) u 141 tal-Kodici Kriminali; fil-waqt li t-tielet kap jakkuzah bir-reat ta’ kxif ta’ sigrieti ufficjali bi ksur tal-Artikolu 133 tal-imsemmi Kodici. Flimkien ma’ dana l-Att ta’ Akkuza giet ipprezentata nota tax-xhieda, dokumenti u oggetti li pero` kienet intestata “Ir-Repubblika ta’ Malta v. Dr Noel Arrigo LL.D.”. Fil-11 ta’ Frar 2005, l-akkuzat ipprezenta nota li biha huwa ddikjara li kien qieghed jaghzel li l-guri tieghu jinstema’ u jigi deciz minn Imhallef u li ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jigu maghzula gurati fl-ismijiet premessi. Fit-28 ta’ Frar 2005 l-imsemmi akkuzat – appellant odjern – ipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet preliminari li tghid, *inter alia*, hekk:

**“<u>L-Ewwel Eccezzjoni</u>: Illi fid-dawl tad-dikjarazzjoni maghmula mill-Prim Ministru fil-5 ta’ Lulju, 2002 li permezz ta’ decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta’ Ottubru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs. Dr. Noel Arrigo LL.D. u Dr. Patrick Vella LL.D.’ [ Rikors Numru 22/02] gie ddikjarat li minhabba l-istess dikjarazzjoni gie lez id-dritt fondamentali tal-eccipjent ghal smiegh xieraq hekk kif sancit mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta w mill-Artikolu 6(1) tal-**

**Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll gie lez id-dritt fondamentali tal-eccipjent kif sancit mill-Artikolu 39(5) tal-istess Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6(2) tal-istess Konvenzjoni Ewropeja u/jew kif ukoll sa fejn jirrigwarda r-rimedju effettiv li fid-decizjoni surreferita din l-Onorabbli Qorti li eventwalment giet imsejjha sabiex tiddetermina l-proceduri kriminali inizjati kontra l-eccipjent, din il-kawza m'ghandhiex titmexxa la issa u f'ebda zmien iehor.**

**"It-Tielet Eccezzjoni: Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit il-lista tax-xhieda pprezentata ma' l-Att ta' l-Akkuza hija irrita w ghandha tigi sfilzata w konsegwentement ix-xhieda, id-dokumenti w l-oggetti kollha hemm elenkati ghandhom jigu iddikjarati inammissibbli f'dan il-process u mhux producibbli mill-Prosekuzzjoni peress illi jirrizulta b'mod car illi din il-lista ma tappartjenix ghall-atti tal-kawza odjerna u giet ipprezentata irritwalment.**

**"Ir-Raba' eccezzjoni: Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u senjatament ghall-generalita` tat-tielet eccezzjoni hawn fuq sollevata, l-inammissibilita` tad-dokument JR 2, essendo illi l-awtur tieghu huwa injot u per tant tali dokument huwa prova li fuqha d-difiza ma ghandha ebda forma ta' kontroll, kif ukoll ghaliex l-istess dokument jikkostitwixxi *'documentary hearsay'.*"**

(Kif jinghad fis-sentenza appellata, it-*"tieni, il-hames u s-sitt eccezzjonijiet gew irtirati, l-ahhar tnejn stante li kif iddikjaraw id-difensuri tal-akkuzat Dr J. Herrera u Dr M. Schriha, il-punti hemm sollevati ma jridux jigu decizi f'dan l-istadju imma fl-istadju tas-smiegh tal-kawza mill-Imhallef togat waqt li qed jevalwa l-provi w fid-dawl tar-rizultanzi kollha li jkunu hargu waqt il-kawza w, fil-waqt li irrizervaw li jqajjmu l-istess eccezzjonijiet fil-kors tas-smiegh tal-kawza, jekk ikun il-kaz, irrizervaw li jqajjmu ulterjorment il-kwistjoni fit-terminu tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jekk ikun il-kaz."*)

**3.** Fl-istess gurnata, cioe` fit-28 ta' Frar 2005, l-akkuzatipprezenta wkoll lista tax-xhieda. Fl-4 ta' Marzu 2005 l-Avukat Generali pprezenta nota li biha, b'referenza ghan-nota tal-akkuzat tat-28 ta' Frar 2005 (cioe` ghal-lista tax-xhieda) huwa ta avviz tal-eccezzjoni dwar l-ammissibilita` ta' provi li kellu l-hsieb li jaghti u cioe` l-eccezzjoni tal-inammissibilita` tax-xhieda kollha indikati mill-istess akkuzat "billi minn imkien ma jidher li d-deposizzjoni taghhom hi jew tista' tkun relevanti ghall-meritu tal-kaz u peress illi fin-nuqqas ta' l-oggett tal-prova li trid issir bihom l-ammissibilita` o meno taghhom ma tirrizultax." Fl-4 ta' Marzu wkoll l-Avukat Generali pprezenta rikors li permezz tieghu wara li fisser li l-kliem "Noel Arrigo" fl-okkju ta' pagna sitta tal-Att ta' Akkuza qabel in-nota tax-xhieda, dokumenti u oggetti, tnizzlu erroneament minflok il-kliem "Patrick Vella", u peress li dan, skond ir-rikorrent, kien evidentement *lapsus calami*, l-istess Avukat Generali talab id-debita korrezzjoni. B'risposta prezentata fl-10 ta' Marzu 2005, l-akkuzat oppona din it-talba ghal korrezzjoni. Wara l-ewwel udjenza preliminari tat-3 ta' Novembru 2005, l-akkuzat ipprezenta fit-2 ta' Frar 2006 nota ta' sottomissjonijiet u referenzi dwar l-ewwel eccezzjoni tieghu; filwaqt li l-Avukat Generali, b'nota datata 19 ta' Jannar 2006, ezebixxa, kif kien gie mitlub jaghmel mill-Qorti Kriminali fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2005, kopja tad-decizjoni tar-Raba' Sezzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem moghtija fl-10 ta' Mejju 2005 dwar l-ammissibilita` ta' l-applikazzjoni numru 6569/04 fl-ismijiet **Noel Arrigo and Patrick Vella v. Malta** (fol. 51 *et seq.*). It-trattazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali kompliet fl-udjenzi tas-6 ta' Frar 2006 u 3 ta' April 2006. Fl-udjenza tas-6 ta' April 2006 id-difiza talbet zmien biex tindika l-oggett tal-prova li trid taghmel bil-persuni indikati fil-lista taghha tat-28 ta' Frar 2005. Il-Qorti akkordat terminu sal-24 ta' April 2006 ghal dana l-fini, u akkordat ukoll lill-Avukat Generali sat-30 ta' April 2006 zmien biex huwa, wara li jkun ha nota tal-oggett tal-prova dikjarat, jindika jekk kienx qieghed jirtira l-oggezzjoni tieghu ghal dawk il-persuni. F'dik l-istess udjenza, cioe` tas-6 ta' April 2006, il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza preliminari ghat-13 ta' Lulju 2006. Effettivament fl-24 ta' April 2006 l-akkuzat, permezz ta' nota, indika l-oggett tal-prova tad-

diversi persuni minnu ndikati, u b'nota tat-2 ta' Mejju 2006 l-Avukat Generali irtira l-eccezzjoni tieghu dwar l-ammissibilita` tax-xhieda. Fit-13 ta' Lulju 2006 il-Qorti Kriminali ppronunzjat is-sentenza li qieghda tigi issa appellata.

**4.** L-akkuzat Vella, permezz ta' rikors ta' appell prezentat fit-18 ta' Lulju 2006, qed jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha fejn irrespingiet l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tieghu kif ukoll fejn ordnat in-notifika mill-gdid tieghu bl-Att ta' Akkuza u bin-nota ta' xhieda, dokumenti u oggetti "kif korretti skond kif deciz fl-istess sentenza hawn appellata", u minflok tilqa' l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet; u tikkonferma s-sentenza appellata fejn din cahdet ir-raba' eccezzjoni minnu sollevata kif ukoll fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet rimanenti stante li dawn kienu gew irtirati mid-difiza.

**5.** L-aggravji tal-appellant huma bazikament tnejn. L-ewwel aggravju hu bazikament fis-sens illi l-ewwel Qorti kienet skorretta "meta naqset milli tevalwa debitament is-sottomissjonijiet li sarulha mill-esponent permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet u referenzi tat-2 ta' Frar 2006." L-appellant jillanja li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti, ghalkemm accennat ghal din in-nota, "ma taghmel ebda kunsiderazzjoni dwar dak li gie lilha sottomess permezz ta' l-istess", u li kien probabbilment ghalhekk, cioe` ghax ma ezaminatx sew dik in-nota, li l-Qorti Kriminali waslet biex "erroneament tirrespingi l-ewwel eccezzjoni tieghu". L-appellant jibqa' jinsisti li effettivament kemm a bazi tal-Artikolu 449(1)(f) kif ukoll a bazi tal-Artikolu 449(4), l-ewwel Qorti kellha, fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali aktar 'il fuq imsemmija, tilqa' l-ewwel eccezzjoni u konsegwentement tordna li l-kawza m'ghandhiex ghall-mument jew f'ebda zmien iehor titmexxa 'l quddiem. L-appellant jerga' jaghmel referenza ghall-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet u referenzi, u b'mod partikolari ghall-kuncett ta' "abuse of process" fid-dritt penali Ingliz, u ghad-diversi sentenzi citati fl-istess

nota. Skond l-appellant[1], *"Fic-cirkostanzi il-kontinwazzjoni ta' dawn il-proceduri ma jistghux hlief jitqiesu bhala* 'oppressive' *peress illi dawn ikunu jikkostitwixxu prosegwiment tal-lezjoni tad-drittijiet tieghu u dan ghaliex galadarba d-dritt tal-esponent ghal smiegh xieraq u ghall-prezunzjoni tal-innocenza gew lezi, ma hemm l-ebda mod iehor kif l-istess esponent jigi ri-integrat fid-drittijiet tieghu salv bl-akkoljiment tal-eccezzjoni minnu sollevata."* Kwantu ghat-tielet eccezzjoni, l-appellant jilmenta li, ghar-ragunijiet minnu esposti fir-rikors ta' appell, din kellha tintlaqa' u mhux, kif ghamlet l-ewwel Qorti, li wara li tilqa' t-talba ta' l-Avukat Generali ghall-korrezzjoni fl-okkju, tichad l-istess eccezzjoni.

**6.** Kwantu ghall-ewwel eccezzjoni, din il-Qorti tibda biex tosserva li, apparti d-differenza bejn is-setghat tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna u dawk ta' *Crown Court* Ingliza, f'dan il-kaz ma jirrizulta ebda *abuse of process* kif dan il-kuncett huwa mifhum fid-dritt procedurali penali Ingliz[2]. In succint, biex ikun hemm tali *abuse* irid ikun hemm xi nuqqas, volut jew anke semplicement negligenti, <u>da parti tal-prosekuzzjoni</u> li minhabba fih ikun jista' jinghad li hemm sitwazzjoni estrema ta' "oppression and vexation" fil-kontinwazzjoni tal-procedura in kwistjoni. Fi kliem Lord Salmon fil-kaz **DPP v. Humphrys**[3]:

**"…a judge has not and should not appear to have any responsibility for the institution of prosecutions; nor has he any power to refuse to allow a prosecution to proceed merely because he considers that, as a matter of policy, it ought not to have been brought. It is only if the prosecution amounts to an abuse of process of the court and is oppressive and vexatious that the judge has the power to intervene."**

Fil-kaz in dizamina, dak li bazikament jirrizulta, mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' Ottubru 2003, li gara huwa li meta l-Prim Ministru ta' dak iz-zmien gie biex jaghti konferenza stampa, huwa ma qaghadx attent

---

[1] Ara l-ahhar pagna tan-nota ta' sottomissjonijiet u referenzi tat-2 ta' Frar 2006.
[2] Ara ***Blackstone's Criminal Practice 2004***, OUP, para. 10-41, pagni 1328 sa 1332.
[3] [1977] AC 1.

bizzejjed fl-uzu ta' certi kliem li adopera matul dik il-konferenza[4]. Ghalhekk ma tqum ebda kwistjoni ta' *abuse of process* kif qed jissuggerixxi l-appellant.

**7.** Mill-bqija, din il-Qorti, anke wara li fliet bir-reqqa mhux biss l-atti kollha izda hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet eruditi tal-abbili difensur tal-appellant Dott. Toni Abela maghmula fl-udjenzi tal-5 ta' Ottubru 2006 u 9 ta' Ottubru 2006, ma tara ebda raguni ghala, fuq din l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-appellant Vella, ghandha tasal ghal xi konkluzjoni differenti minn dik li waslet ghaliha llum stess fuq eccezzjoni simili fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Dr Noel Arrigo LL.D.** Bhal f'dik is-sentenza, din il-Qorti tirribadixxi li l-Artikolu 449(4) tal-Kodici Kriminali ma jiccentra xejn fil-kuntest tal-ewwel eccezzjoni preliminari. Kif intqal ukoll f'dik is-sentenza:

**"Meta l-paragrafu (f) in dizamina jitkellem dwar "punt iehor ta' fatt" dan verament irid ikun punt ta' <u>fatt</u>, oggettivament determinabbli, u <u>mhux punt li jirrikjedi interpretazzjoni ta' ligi li ma tkunx ta' indoli penali jew li jirrikjedi l-interpretazzjoni ta' xi sentenza ta' xi qorti ohra</u>. Dak li qed jitlob, invece, l-appellant huwa proprju li din il-Qorti (u, qabilha, il-Qorti Kriminali) tislet paragrafu mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali…<u>u tinterpretah</u> b'tali mod li, minkejja li dik il-Qorti qalet espressament illi "mhux il-kaz illi jigi ordnat illi jitwaqqfu l-proceduri kriminali in kwistjoni inizjati kontra l-istess appellanti", dawn il-proceduri <u>issa</u> jitwaqqfu. Kieku din il-Qorti kellha taghmel hekk, flok tapplika l-ligi penali – sostantiva jew procedurali – inkluz l-Artikolu 449(1)(f) – ghall-kaz *de quo*, tkun qieghda fir-realta` taghti rimedju li l-istess Qorti Kostituzzjonali <u>espressament eskludiet</u>. Dan, kjarament, ikun jezorbita mill-funzjoni u l-kompetenza ta' din il-Qorti. Dak li, invece, jirrientra fil-funzjoni u l-kompetenza ta' din il-Qorti (kif ukoll tal-Qorti Kriminali) huwa l-obbligu li wiehed jara li s-**

[4] Il-Qorti Kostituzzjonali qalet, infatti, hekk: "Fil-fehma ta' din il-Qorti, bl-uzu tal-kliem 'sar maghruf' u 'rrizultalha' l-Onorevoli Prim Ministru, waqt li kien qed jaqdi d-dover illi jinforma lill-pubbliku b'dak illi kien qed jigri, ma uzax *all the discretion and circumspection necessary if the presumption of innocence is to be respected*."

**"salvagwardji kontemplati u kontenuti fil-Kodici Kriminali jigu skrupolozament osservati". U hu proprju ghax il-ligi penali trid tigi skrupolozament osservata li din il-Qorti ma tistax testendi l-interpretazzjoni tal-paragrafu (f) kif qed jippretendi l-appellant. Pero` din il-Qorti tmur oltre u tghid li anke li kieku kellha s-setgha li tinterpreta s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, din tista' tinghata biss interpretazzjoni wahda u cioe` li l-proceduri ghandhom jitkomplew, u mhux jieqfu, u li "s-salvagwardji kontemplati u kontenuti fil-Kodici Kriminali jigu skrupolozament osservati" billi (kif korrettement irriteniet l-ewwel Qorti) "il-kawza tigi trattata u deciza bl-akbar oggettivita` w imparzjalita` u b'mod li l-process ikun assolutament mhux influwenzat minn xi ingerenzi esterni, inkluzi dawk il-pronunzjamenti ta' xi membru ewlieni tal-ezekuttiv li kienu jammontaw ghal-lezjoni tad-drittijiet fondamentali ghal smiegh xieraq". Ta min jghid li din kienet ukoll proprju l-interpretazzjoni li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat…Infatti dik il-Qorti fid-decizjoni taghha qalet hekk:**

**""The Constitutional Court also ordered that its judgment be brought to the attention of the tribunal called upon to determine the criminal charges pending against the applicants. This measure was aimed at providing redress for the violations found and at ensuring that all the safeguards contained in the Criminal Code were scrupulously applied. In the Court's view, the highest Court in Malta had thus made clear that the applicants' guilt or innocence should be established by the Criminal Court only on the basis of the evidence produced during the trial, and that the declarations of the Prime Minister should not have any influence on the outcome of the criminal proceedings. The Court has thus sought to place the applicants, as far as possible, in the position they would have been in had the requirements of Article 6 not been disregarded.""** [5]

---

[5] Para. 3.

Ghalhekk dana l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi respint.

**8.** Kwantu ghat-tieni aggravju, riferibbilment ghat-tielet eccezzjoni, ikun opportun li jigi hawn ripordott dak li qalet il-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata:

**"Illi ma hemmx dubju li sar zball fl-okkju li hemm a capo tan-nota tax-xhieda, tad-dokumenti w tal-oggetti li ghandu jgib l-Avukat Generali. Dan aktar minn *lapsus calami* jidher li hu "*lapsus computeris*"[6], rizultat tal-prassi ta' "cut and paste", li tithaddem minn tajpisti w segretarji biex jivvantaggjaw ruhom mis-sistemi komputerizzati w b'hekk jiffrankaw hafna xoghol. Dan is-sistema ghandu wkoll il-perikoli tieghu, ghax, jekk ma jigix editjat minuzzjozament, jaf jirriproducilek xi dettalji li ma jkunux applikabbli ghall-kaz li tkun qed tahdem fuqu, bir-rizultat li jigi ma jaqbilx jew ma jappartjenix ghall-att. Jidher manifestament li hekk gara f'dan il-kaz. Peress li kien hemm process uniku kontra l-akkuzat odjern u akkuzat iehor u l-Avukat Generali ddecieda li joforqu f'zewg processi separati, kif kellu kull dritt li jaghmel, u peress li x-xhieda w dokumenti kienu l-istess fiz-zewg kawzi, min kien qed jabbozza l-lista tax-xhieda f'din il-kawza x'aktarx addotta s-sistema tal-*cut and paste* biex ma jirrepetix ix-xoghol. Pero` nesa jbiddel l-okkju. Din il-Qorti tosserva li dawn it-tipi ta' zbalji qed jigru ta' sikwiet fl-atti li jigu quddiemha w tissollecita lill-avukati kemm tal-Prosekuzzjoni w tad-difiza li, qabel ma jipprezentaw atti, jiskrutinawhom ghal zbalji simili li jistghu jsiru mill-addetti taghhom li hafna drabi, privi minn "*training*" legali, ma jagharfux l-importanza ta' certi dettalji w l-implikazzjonijiet taghhom. Altrimenti r-rizultat qed ikun ta' hafna incidenti bla bzonn quddiem il-Qrati b'xoghol zejjed ghal kullhadd.**

[6] Recte: *lapsus computatri*.

**"Issa fil-kaz in ezami, din il-Qorti ma taqbilx mad-difiza li dan l-att ma jifformax parti mill-Att ta' l-Akkuza w li hu att separat u distint u li ma jistax jissewwa zball ta' din ix-xorta. Il-lista tax-xhieda kontenuta fin-nota hi att ancillari ghall-istess Att ta' l-Akkuza li ma hemmx dubju li sar b'okkju korrett u dirett kontra l-akkuzat odjern. Bhala tali, dan jista' jigi korrett skond id-dispozizzjoni tal-art. 597(1) u (3) u 598(1) u (2). Certament li dan l-izball u l-korrezzjoni tieghu b'ebda mod mhu ser jirrendu r-reati kontenuti fl-att ta' l-akkuza izjed gravi, ghax ir-reati baqghu l-istess. Umbaghad, jekk qatt seta' kien hemm xi dubju dwar jekk tali korrezzjoni tistax issir, dan illum, bl-emenda fuq riferita ghall-artikolu 645 tal-Kodici Kriminali, zgur ma jistax jibqa' jissussisti.**

**"Ghalhekk din il-Qorti qed tiddisponi minn din l-eccezzjoni, billi, wara li tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors tal-Avukat Generali tal-4 ta' Marzu, 2005, qed tordna prezenzjalment li ssir il-korrezzjoni opportuna fl-okkju li jidher a capo tan-"Nota tax-Xhieda, tad-Dokumenti, u tal-Oggetti li ghandu jgib l-Avukat Generali" billi flok il-kliem "Noel Arrigo" jidhlu l-kliem "Patrick Vella" b' dan li l-att ta' akkuza w l-istess nota kif korretta ghandha terga' tigi notifikata mill-gdid lill-akkuzat."**

**9.** Fil-fehma tal-Qorti, il-posizzjoni legali korretta hija fil-verita` aktar semplici milli kif irravvizatha l-ewwel Qorti, u certament kompletament differenti minn kif qed jifhimha l-appellant. In-"Nota tax-Xhieda, tad-Dokumenti u tal-Oggetti li ghandu jgib l-Avukat Generali" hija skrittura li tigi prezentata flimkien ma' l-Att ta' Akkuza (Artikolu 590(2), Kap. 9). Bhala tali, ghalhekk, anqas tehtieg li jkollha fiha indikat l-okkju tal-kawza, *purche`* li dan ikun indikat fuq l-Att ta' Akkuza. Huwa bizzejjed li min-notament maghmul mir-Registratur mal-prezentata jkun jidher li dik in-nota dahlet flimkien mal-Att ta' Akkuza li jkun – u fil-kaz in dizamina tali notamenti jirrizultaw kemm f'pagna 5 tal-Att ta' Akkuza kif ukoll fl-ahhar pagna tan-nota. Il-prassi li din in-nota ikollha *a capo* l-okkju tirrisali ghal meta, qabel l-emendi introdotti fl-1981, in-nota kienet tigi prezentata fir-

registru <u>separatament u ferm hafna wara</u> li jkun gie prezentat l-Att ta' Akkuza. Infatti, jekk wiehed jara l-Artikoli 452(1) u 584 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-1942 tal-Kodici Kriminali (li allura kien il-Kap. 12), wiehed isib li n-nota kienet tigi prezentata mill-Avukat Generali wara li huwa jkun gie notifikat bil-jum tas-smiegh tal-kawza (u entro jumejn tax-xoghol minn dik in-notifika) u allura per neccessita` dik in-nota kien ikollha bzonn l-okkju korrett sabiex ir-registratur ikun jaf f'liema process jinseriha. Bl-emendi introdotti fl-1981, l-imsemmija nota bdiet tigi prezentata kontestwalment ma' l-Att ta' Akkuza, bil-konsegwenza li l-okkju ma kienx aktar mehtieg. Is-sitwazzjoni li tipprezenta ruhha f'din il-kawza hija kompletament differenti minn dik li kellha quddiemha din il-Qorti (diversament komposta) fil-kawzi **Ir-Repubblika ta' Malta v. Vincent Brincat** (Att ta' Akkuza 1/93) u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Raymond Borg** (Att ta' Akkuza 2/93) – it-tnejn decizi fis-26 ta' Lulju 1993 – fejn in-nota tal-eccezzjonijiet, u l-lista tax-xhieda maghha, tal-akkuzat necessarjament kellha bzonn li jkollha l-okkju proprju biex ir-registratur ikun jista' jara f'liema process dawn kienu qed jigu prezentati. F'dawk il-kawzi n-nota ta' eccezzjonijiet lanqas ma kienet taghmel riferenza ghall-att ta' akkuza. Fi kliem iehor, dawn iz-zewg kawzi, li fuqhom qed jistrieh hafna l-appellant, ma huma ta' ebda relevanza ghall-vertenza odjerna, u anqas ma jistghu b'xi mod ikunu ta' ghajnuna jew konfort ghat-tezi tieghu.

**10.** Stabbilit dan, huwa evidenti li qatt ma setghet titqajjem b'success it-tielet eccezzjoni preliminari, galadarba kien palesement car li l-imsemmija nota kienet qed takkumpanja l-Att ta' Akkuza 3/2005 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Dr Patrick Vella LL.D.** u ma kienx hemm u ma setax ikun hemm dubbju ghal liema process u ghal liema kawza kienet tirreferi. Din il-Qorti tara li strettament l-Avukat Generali anqas kellu bzonn jitlob il-korrezzjoni li talab. Pero` galadarba ntalbet, dik il-korrezzjoni gustament intlaqghet. Ghal dawn il-motivi, ghalhekk, anke dana l-aggravju ta' l-appellant qed jigi respint.

**11.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell ta’ Dr Patrick Vella LL.D. u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipprocedi skond il-ligi.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------